22 APR 2025

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 612**

**It-Tnejn 17 ta' Marzu, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.13 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Leone Sciberras - Kunsillier
Toshera Schembri - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 612.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

612.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Leone Sciberras, mis-Sinjorina Martina Baldacchino u mis-Sinjorina Toshera Schembri fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech, is-Sur Leone Sciberras, is-Sinjorina Martina Baldacchino u s-Sinjorina Toshera Schembri jkunu skużati.

## 612.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

612.2.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 609.7.5 u minflok il-kliem 'Triq ix-Xgħajra' jidħol il-kliem 'Triq Santa Marija'.

612.2.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-minuti tal-laqgħa 609 ġew unanimament approvati kif emendati.

612.2.3 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-minuti tas-610 u 611 -il laqgħa ġew unanimament approvati.

## 612.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

612.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva stedina uffiċjali sabiex jattendi għall-festivitajiet ta' *Eschenfest* fil-Ġermanja, kif ukoll għaċ-ċelebrazzjoni tal-40 anniversarju tal-ġemellaġġ bejn l-ibliet ta' Eshborn u Montgeron li ser isir f'Mejju li ġej. Is-Sindku staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi ħadd interessat li jmur Eschborn sabiex tittieħed deċiżjoni finali dwar il-parteċipazzjoni. Is-Sindku żied jgħid li dawk interessati għandhom ikunu wkoll disponibbli matul Settembru sabiex jakkumpanjaw id-delegazzjoni barranija li ser iżżur Malta f'dak iż-żmien. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li d-delegazzjoni tal-Kunsill għal din l-attività tkun komposta mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sur Carlo Scicluna.

612.3.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet isssekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jintalab il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-permess ta' *Jobsplus* biex issir sejħa għal *Administrative Officer* 11 mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li, skont il-Ftehim Kollettiv tal-Ħaddiema Klerikali, in-nomeklatura tal-karigi ġiet aġġornata, fejn il-pożizzjoni ta' *Assistant Principal* (Skala 11) issa hija rikonoxxuta bħala *Administrative Officer 11* (Skala 10). Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, bħala riżultat ta' dan il-ftehim kollettiv, il-Kunsill huwa obbligat iħallas l-arretrati dovuti lill-impjegati u li r-rata tal-massimu tal-*Performance Bonus* ġiet riveduta minn 6% għal 10%. Fid-dawl ta' dan, is-Segretarju Eżekuttiv talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi kkummissjonata l-assistenza ta' *accountant* biex tikkalkula l-arretrati dovuti lill-impjegati skont il-kundizzjonijiet il-ġodda tal-ftehim kollettiv, bi spiża ta' €250. Fuq

proposta tas-Sinkdu li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament din l-ispiża.

612.3.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, fejn intqal li l-Kunsill kien talab is-servizz tal-banda għall-attività tal-Karnival fit-tieni ġimgħa ta' Frar. L-għaqda esprimiet id-diffikulta li tgħaqqad banda fi żmien daqshekk qasir. Madankollu, is-Sindku ċaħad din l-allegazzjoni u spjega li l-għaqda kienet ġiet mitluba tippreżenta stima għal dan is-servizz sa mit-tieni ġimgħa ta' Jannar. Għalkemm kellha ssir laqgħa formali, il-komunikazzjoni saret permezz ta' messaġġi u telefonati fuq il-*mobile*. Fil-korrispondenza u fil-komunikazzjonijiet li saru, l-għaqda esprimiet tħassib dwar il-kontribut finanzjarju għall-attivitajiet kollettivi matul is-sena. Is-Sindku qal li kien intlaħaq qbil biex il-kunċert ta' Ħadd in-Nies jiġi organizzat b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li fil-proposta sottomessa mill-għaqda, ġew inklużi erba' attivitajiet għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill, b'kontribuzzjoni mitluba kif ġej: Programm Ħadd in-Nies €1,300, Programm tal-Festa €1,500, Programm tal-Milied €1,000, u Attività Sajf 2025 €1,200. Is-Sindku spjega li ma ngħataw l-ebda dettalji dwar l-attività tas-Sajf 2025 u sostna li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel biex jiġu diskussi dawn l-attivitajiet, kif diġà sar mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiae. Barra minn hekk, l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel talbet li l-ħlas tas-servizz tal-pulizija waqt l-attività tal-Erbgħa tat-Tniebri jsir permezz tal-iskema tar-Reġjun Port – Fondi Infurzar LESA. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-ħlas ta' €1,300 għall-kunċert ta' Ħadd in-Nies u li l-pagament tal-pulizija għall-attività tal-Erbgħa tat-Tniebri jsir mill-Fondi tal-Infurzar LESA.

612.3.4 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiae, li fiha talbu l-użu ta' fondi mill-iskema tar-Reġjun – Fondi Infurzar LESA biex ikopru l-ispejjeż relatati mal-pagament tal-uffiċjali matul l-attività *Zabbar Auto Fest*, li ser tiġi organizzata nhar il-Ħadd, 25 ta' Mejju 2025 fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament li l-pagament tal-uffiċjali għall-attività tal-*Auto Fest* isir mill-Fondi tal-Infurzar LESA. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività flimkien mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ u li l-ispiża tal-Kunsill għal din l-attività ma taqbiżx is-somma ta' €3,000.

612.3.5 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sur Malcolm Schembri sabiex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill jiġi stampat fuljett tal-Ġimgħa Mqaddsa 2025. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jistampa fuljett tal-Ġimgħa Mqaddsa 2025 bil-kollaborazzjoni mas-Sur Malcolm Schembri.

612.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waslet talba minn resident sabiex Triq il-Kappella tal-Plier tingħalaq għat-traffiku u ssir żona pedonali minħabba li m'hemmx bankina u jgħaddi volum għoli ta' vetturi li jikkawżaw riskju għas-sigurtà pubblika. Is-Sindku spjega li tali talba teħtieġ valutazzjoni teknika minn esperti qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni. F'dan il-kuntest, is-Sindku ppropona li bħala alternattiva, it-

triq issir b'direzzjoni waħda u ssuġġerixxa li ssir konsultazzjoni ma' Transport Malta sabiex jiġu eżaminati l-aħjar soluzzjonijiet possibbli. Matul id-diskussjoni, il-Kaptan Patrick Barbara staqsa dwar l-istatus tar-*roundabout* ippjanata fi Triq Villabate. Is-Sindku wieġeb li kien diġà ddiskuta din il-kwistjoni ma' Transport Malta u ser ikompli jsegwi l-iżviluppi relatati.

612.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-Awtorità tad-Djar biex il-Kunsill jikseb id-devoluzzjoni tal-kmamar fiċ-Ċentru Ċiviku, li qabel kienu jintużaw mid-Dipartiment tas-Sanita', kif ukoll tal-bejt tal-binja. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fil-passat il-Kunsill kien iħallas kera lill-Awtorita tad-Djar għall-kmamar li kien qed juża, iżda wara li ġiet sottomessa talba għad-devoluzzjoni tal-binja diversi snin ilu, il-Kunsill ma baqax jirċievi kontijiet relatati mal-kera. Minkejja dan, u f'konformità mal-kunċett ta' prudenza kontabbli, l-amministrazzjoni inkludiet provvista annwali ta' €350 fil-kotba tal-Kunsill bħala *accruals* taħt il-vot tal-kera. Dan biex, f'każ li jkun meħtieġ il-ħlas ta' arretrati, l-impatt finanzjarju jitqassam fuq diversi snin u mhux jinħass f'sena waħda, u b'hekk il-Kunsill jassigura li l-finanzi jkunu riflessi b'mod konservattiv. Is-Sindku spjega li l-Awtorità tad-Djar talbet formalment lill-Kunsill biex jissottometti talba ġdida għad-devoluzzjoni biex tiġi rregolarizzata s-sitwazzjoni u jissokta l-proċess amministrattiv kif meħtieġ. Is-Sindku ppropona li, bħala parti minn din it-talba, il-Kunsill jitlob ukoll id-devoluzzjoni tal-kmamar li kienu jintużaw mid-Dipartiment tas-Sanità biex jespandi l-uffiċini amministrattivi, kif ukoll tal-bejt kollu taċ-Ċentru Ċiviku. Fi stadju sussegwenti, ikun żviluppat sular ieħor li jinkludi sala tal-Kunsill ġdida, filwaqt li l-librerija eżistenti, li bħalissa tinsab ħdejn is-sala attwali, tkun estiża sabiex tipprovdi aktar spazju u servizzi lill-pubbliku. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li s-sala preżenti tista' tintuża għal lezzjonijiet edukattivi. Is-Sindku żied jgħid li wara li jiġi żviluppat is-sular ta' fuq, jista' jintuża għal diversi faċilitajiet, fosthom: *Day centre*, faċilitajiet sportivi, tagħmir tal-gym sabiex innaqqsu l-obeżità, *sauna* għal min ibagħati minn fibromialġija, u klinika għas-servizzi veterinarji, flimkien ma' ħafna faċilitajiet oħra. Is-Sur Joseph Agius irrimarka li snin ilu kien sar *feasibility study* dwar jekk il-binja tiflaħx sular ieħor. Madankollu, is-Sindku saħaq li dan l-istudju jista' jkun li m' għadux validu minħabba li sar il' fuq minn ħmistax-il sena ilu, u minn dakinhar sal llum saru interventi strutturali u xogħol ta' manutenzjonijiet, u għalhekk hemm il-possibilità li l-binja tiflaħ sular ieħor. Is-Sur Agius enfasizza li għal dan l-iżvilupp huwa meħtieġ li esperti bħal periti u inġiniera jikkonfermaw li l-binja tiflaħ żvilupp ta' sular ieħor. F'dan l-istadju, is-Sindku talab biss l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tintalab id-devoluzzjoni mingħajr ma jkun determinat l-użu finali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament li ssir talba uffiċjali għad-devoluzzjoni tal-uffiċini li kienu jintużaw mid-Dipartiment tas-Sanità u tal-bejt taċ-Ċentru Ċiviku.

612.3.8 Is-Sindku ressaq talba lill-Kunsill sabiex jiġi rilokat il-*bus stop* li jinsab fi Triq l-Għakrux bl-isem 'Bumunqar', minħabba li l-*layby* tal-*bus stop* tinsab quddiem il-garaxxijiet. Is-Sindku saħaq li dan il-*bus stop* kien qed joħloq periklu potenzjali minħabba li vetturi jirriversjaw fuq il-passiġġieri li qed jistennew it-trasport pubbliku sabiex idaħħlu l-vettura fil-garaxx tagħhom. Is-Sindku spjega li ftit metri 'l bogħod hemm plot vojta fejn ikun possibbli li jiġi rilokat il-*bus stop*. Is-Sinjura Anna Calleja issekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li

jitlob lill-Awtorità tat-Trasport Pubbliku u lil Transport Malta sabiex jirrilokaw il-*bus stop* quddiem il-plot vojta, li jinsab ftit metri 'l fuq. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sindku sabiex jibgħatilha *pin location* li jindika eżattament fejn irid jiġi rilokat dan il-*bus stop*.

612.3.9 Is-Sindku tkellem dwar l-arkati tal-ħadid li ġew imwaħħla fid-daħla tal-isqaqien fiż-żona tal-Biċċieni, u spjega li l-aħħar żewġ arkati ma ġewx installati minħabba diffikultajiet tekniċi. Is-Sindku qal li dawn l-istrutturi tal-ħadid m'humiex marbuta mal-proprjetà tan-nies u taw dehra sabiħa lill-isqaqien. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill irċieva diversi kummenti pożittivi dwar dawn l-arkati.

612.3.10 Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li ġejjin kienu ser jitkomplew ix-xogħlijiet fi Ġnien Tamara Psaila. Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jiġi rranġat it-tapit tal-lakstu tal-art. Is-Sindku wieġeb li l-manutenzjoni fit-tapit tal-lakstu kien inkluż fix-xogħolijiet li ser isiru. Is-Sur Buttigieg semma wkoll il-ħtieġa li ssir xibka mal-grawnd. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*fence* kien ġie ordnat is-sena l-oħra. Is-Sindku spjega li l-*fence* ma jistax jitwaħħal qabel ma jitlesta t-tapit tal-grawnd. Is-Sur Joseph Buttigieg talab li sakemm isiru x-xogħlijiet, il-bandli jingħalaq. Is-Sindku wieġeb li l-bandli diġà kien magħluq u jekk qed jidħlu n-nies, dan ifisser li kienu qed jaqbżu ċ-ċint.

612.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li ġew installati kameras tas-sigurtà ġodda fi Ġnien il-Kunsill, kif ukoll kameras tas-sigurtà faċċata tal-latrini li hemm fi Triq iċ-Ċawsli. Is-Sindku qal ukoll li kien sar att vandalu fi Ġnien il-Kunsill, partikolarment fit-Teatru Grieg, fejn ġew vandalizzati l-injam, it-taraġ tat-teatru, il-passaġġ tal-bandli, fanal ornamentali tad-dawl u l-grada tal-ġnien, fejn xi individwi użaw bott tas-*sealer*. Il-filmati tal-kameras tas-sigurtà ġew mgħoddija lill-pulizija, li bħalissa qed twettaq investigazzjoni biex jiġu identifikati l-persuni responsabbli. Is-Sur Carlo Scicluna ssuġġerixxa li l-pubbliku jiġi nfurmat dwar dan il-każ, u li l-Kunsill jippubblika nformazzjoni fuq il-midja soċjali dwar il-filmati li ġew mgħoddija lill-pulizija, li ser jgħinu biex jiġu identifikati l-individwi. Is-Sindku ppropona wkoll li l-Kunsill jinvesti f'*monitor* biex jiġi installat fl-għassa tal-pulizija ta' Ħaż-Żabbar, sabiex jiġi pprovdut aċċess kontinwu għall-kameras fi Ġnien il-Kunsill u għall-kameras li hemm madwar il-lokalità għal monitoraġġ regolari. Il-Kaptan Patrick Barbara enfasizza l-ħtieġa li l-Kunsill ikollu korrispondenza bil-miktub li tikkonferma l-approvazzjoni tas-Supretendent tal-Pulizija għall-monitoraġġ tal-kameras qabel jinxtara l-*monitor*.

612.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġew iffirmati ż-żewġ Memorandum ta' Ftehim mal-MAFA sabiex tinbena *Greenhouse* fi Ġnien il-Kunsill, kif ukoll *Cat Recovery Room* fil-viċinanzi tal-Park ta' San Klement. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Kunsill ser jingħata €50,000, fejn €45,000 diġà daħlu fil-kotba bankarji tal-Kunsill.

612.3.13 Is-Sindku qal li kienu twaħħlu *extractors* u nbidel il-bieb tal-*istore* li hemm taħt il-venda sabiex titnaqqas il-problema ta' umdità. Is-Sindku tkellem dwar il-*pots* li hemm fl-ex venda fi Triq is-Santwarju u qal li bi qbil ma' Ambjent Malta, iż-żewġ siġar tal-Ballut se jiġu rilokati u mħawwla fl-art f'post alternattiv. Minflok is-siġar tal-Ballut, se jitħawwlu pjanti ta' *Etna Fire*. Il-Kaptan Patrick Barbara ssuġġerixxa li s-siġar tal-Ballut jitħawwlu fil-Park ta' San Klement, iżda l-Sindku spjega li dan

mhux possibbli. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-ġimgħat li ġejjin ser jibda ż-żbir tal-pjanti li jinsabu fuq il-*green roof* li hemm fiż-żona tal-Biċċieni. Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li tiġi ndirizzata il-problema ta' wħud mill-qsari fi Triq is-Santwarju li qed jiġu mgħerrqa bl-ilma. Is-Sindku qal li ser jiċċekkja dwar dan u qal li hemm bżonn jitħawwlu siġar ġodda f'uħud mill-qsari ta' Triq is-Santwarju u fil-qsari li hemm fi Triq Ġużeppi Pace. Is-Sur Joseph Agius talab li jitqiegħdu qsari fl-isqaq tiegħu. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li ġie nstallat il-*Green wall* mal-ħajt tal-iskola, kif ukoll saret is-sistema ta' irrigazzjoni biex jissaqqew dawn il-pjanti.

612.3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi skont l-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali trid issir laqgħa pubblika sabiex jiġi ppreżentat ir-Rapport Amministrattiv, ir-Rapport Finanzjarju u l-Pjan ta' Ħidma. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li din il-laqgħa trid issir sa mhux aktar tard mill-15 t' April, 2025. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali ssir fl-14 ta' April, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri preżenti sabiex jibgħatu r-rapport ta' ħidma tagħhom għas-sena 2024.

612.3.15 Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti minħabba nuqqas ta' *quorum.*

612.3.16 Is-Sindku rrefera għat-talba li l-Kunsill irċieva mill-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja A Santa Klara, fejn talbu l-permess tal-Kunsill Lokali sabiex titħawwel siġra tar-rand fi Ġnien il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qabel tingħata l-approvazzjoni, għandu jiġi identifikat post adegwat fi Ġnien il-Kunsill fejn tista' titħawwel din is-siġra.

612.3.17 Is-Sindku ppropona li tiġi organizzata *Easter Egg Hunt* flimkien mal-iskejjel tal-lokalità fi Ġnien il-Kunsill jew fil-Park ta' San Klement. Is-Sinjura Anna Calleja issekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €500 VAT inkluż.

612.3.18 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka ssir mixgħela bix-xemgħat fuq il-faċċata tal-knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja. Is-Sindku żied jgħid li jekk l-Arċipriet ma japprovax li tinxtgħel il-faċċata tal-Knisja, il-mixgħela ssir fuq iz-zuntier tal-knisja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li fl-okkażżjoni ta' Ħamis ix-Xirka ssir mixgħela bi tminn mitt xemgħa, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €400 VAT inkluż.

612.3.19 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li Infrastruttura Malta kienet għaddejja bix-xogħlijiet infrastrutturali fiż-żona ta' Triq San Anard. Is-Sindku semma l-ħtieġa li jinbidlu n-*notice boards* tal-Kunsill li jinsabu madwar il-lokalità, u ssuġġerixxa li anke t-tabelli tal-konfini għandhom jinbidlu. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li t-tabelli tal-konfini ikollhom reklamar fuqhom. Is-Sindku żied jgħid li f'uħud mit-tabelli tal-konfini għandu jkun hemm ukoll il-logo u l-isem tal-pajjiż li l-Kunsill għandu ġemellaġġ miegħu. Is-Sindku esprima t-tħassib tiegħu dwar it-tabella tal-konfini li tinsab viċin il-Mina ta' Hompesh, fejn qal li din kienet mgħottija minn *billboard* li tqiegħed fuq il-bankina. Is-Sindku stqarr li kien għaddej b'komunikazzjoni sabiex

tittieħed l-azzjoni meħtieġa biex jitneħħa dan il-*billboard*. Is-Sindku wera x-xewqa biex meta l-Kunsill jintalab jagħti isem għal triq li ser tinfetaħ fiż-żona tal-Fatah, il-Kunsill jipproponi li tissemma "Triq Eschborn". Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament li jsir disinn għal tabelli tal-konfini ġodda u eventwalment tinġieb stima.

612.3.20 Is-Sindku tkellem dwar l-ex venda u qal li ma hemm l-ebda indikazzjoni sinifikanti li turi li fil-passat f'dan l-ispazju miftuħ kien hemm venda. Għal dan il-għan, Is-Sindku ssuġġerixxa l-installazzjoni ta' arloġġ klassiku li jindika l-funzjoni storika tal-venda. Is-Sur Joseph Agius ikkummenta li fil-passat kien ippropona li titwaħħal *board* li tindika l-ħin li fih tkun ġejja tal-linja. Is-Sindku spjega li din il-proposta kienet tirrigwarda *board* separata li għandha titwaħħal mal-*istage*, u li l-Kunsill għandu jressaq talba lil *Public Transport* dwar dan. Is-Sindku qal li l-proposta tas-Sur Agius m'għandhiex x'taqsam mal-proposta tiegħu dwar l-arloġġ fil-venda. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-*board* tal-ħinijiet għandha titwaħħal ma' kull *bus stop* u mhux biss ma' *bus stop* wieħed. Is-Sindku qal li mhux possibbli li teħel board ma' kull *bus stop*. Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu jikkunsidra li jipproponi biex tinbidel l-istruttura tal-*stage* tal-linja li hemm faċċata tal-ex venda, sabiex jikkumplimenta t-triq.

## 612.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

612.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-7 ta' Frar 2025 u s-17 ta' Marzu 2025 li kienet tammonta għal €106,235.10.

## 612.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Diċembru 2024

612.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2024. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2024.

## 612.6 Skemi Finanzjarji

612.6.1 Is-Sindku rrefera għall-iskema SPI/SCI/03/2025 - Inizjattiva Finanzjarja-Lokalitajiet Aktar Nodfa. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri preżenti sabiex jidentifikaw postijiet pubbliċi fejn jista' jsir it-tindif fil-perjodu matul il-kampanja. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li s-siti jridu jkunu kollha postijiet pubbliċi. Is-Sur Carlo Scicluna semma l-ħtieġa li jinqata' il-ħaxix ħażin li kiber fi Ġnien il-Kunsill u li titnaddaf Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Barra minnhekk, is-Sur Scicluna nforma lill-membri preżenti li *Clean Malta* kellha l-intenzjoni li tnaddaf iż-żona tal-Fatah. Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jitwaħħlu aktar *dogs bins* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sur Joseph Agius talab li jsir tindif ta' Triq is-Saqwi u qal li l-kuntrattur kien qed jaqta' il-ħaxix mingħajr ma jiġbru. Is-Sindku ssuġerixxa li l-attività ta' tindif issir f'ordni ta' prijorità kif ġej: l-ewwel għażla hija Triq il-Bidni fejn hemm il-wied, it-tieni għażla hija Misraħ San Nikola u t-tielet għażla hija t-tneħħija tal-qasab u l-iskart fi Triq iż-Żarżarell. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jinvolvi lill-Grupp tal-Iscouts ta' Ħaż-Żabbar u s-Sur Carlo Scicluna ssuġġerixxa li

flimkien mal-*iscouts* jinvolvu wkoll lit-tfal tal-mużew matul din l-attività. Il-Kaptan Patrick Barbara ppropona li l-Kunsill jixtri frott u flixken tal-ilma għall-parteċipanti tal-*Clean Up* sabiex jinkoraġixxi s-sehem attiv tagħhom. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività ta' tindif, f'ordni ta' prijorità kif ġej: l-ewwel għażla hija Triq il-Bidni fejn hemm il-wied, it-tieni għażla hija Misraħ San Nikola u t-tielet għażla hija t-tneħħija tal-qasab u l-iskart fi Triq iż-Żarżarell.

**SPI.SCI.05.2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026**

612.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li skont l-iskema SPI/SCI/05/2025 – Finanzjament Karnival 2026, il-Kunsill jista' japplika għall-fondi sa massimu ta' €5,000 (VAT inkluż). Is-Sindku ssuġġerixxa li għall-Karnival tas-sena d-dieħla l-attivitajiet għandhom jiġu organizzati b'mod differenti u li jiġu nvoluti l-iskejjel primarji ta' Ħaż-Żabbar permezz ta' kompetizzjonijiet għall-isbaħ kostum. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat li l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni hija nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025. Fuq proposta tas-Sur Carlo Scicluna, li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu tal-fondi disponibbli taħt din l-iskema sabiex jiġu organizzati l-attivitajiet tal-Karnival 2026.

612.6.3 Is-Sindku rrefera għall-iskema SPI.SCI.02.2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025-2026 u ppropona li l-attività għandha ssir bejn l-1 ta' Awwissu 2025 u l-31 ta' Mejju 2026. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jorganizza festival tal-arti, li jinkludi arti viżiva, arti kontemporanja, arti performattiva u arti mużikali, filwaqt li jinvolvi artisti lokali u internazzjonali, anke permezz ta' inizjattivi ta' ġemellaġġ. L-attivitajiet isiru fi spazji differenti fil-lokalità fuq medda ta' tlett ijiem u jinkludu esebizzjonijiet, *workshops* u interventi artistiċi f'diversi forom. Is-Sindku qal li għandhom jingħataw pannelli tal-injam lill-artisti sabiex jużawhom bħala bażi għall-pitturi tagħhom, kif ukoll li jiġu organizzati *workshops* għall-istudenti tal-iskejjel. Is-Sindku żied li bħala parti mill-festival jista' jiġi organizzat spettaklu tad-dawl u awdjoviżiv, kif ukoll esebizzjonijiet fil-mużew tas-Santwarju jew fi spazji miftuħa. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat li l-applikazzjoni trid tinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-attività u l-istimi tal-ispejjeż involuti, u talbet lis-Sindku sabiex jippreżenta pjan iktar dettaljat. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni hija nhar it-Tlieta, 20 ta' Mejju 2025. Is-Sur Carlo Scicluna ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jorganizza Festival tal-Arti bejn l-1 ta' Awwissu 2025 u l-31 ta' Mejju 2026 permezz tal-iskema SPI.SCI.02.2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025-2026.

612.6.4 Dwar l-iskema SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-attività għandha tkun marbuta mal-mixgħela tad-dawl tat-toroq tal-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni hija nhar it-Tlieta, 27 ta' Mejju 2025.

**SPI/SCI/07/2025 - Finanzjament– Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità**

612.6.5 Is-Sindku spjega li f'din l-iskema kien hemm lista ta' proġetti li jistgħu jitwettqu permezz ta' din l-iskema fosthom aċċessibilità aħjar f'postijiet pubbliċi. Is-Sindku żied jgħid li kien ser jiddiskuti l-prijoritajiet tal-proġetti eliġibbli mas-Sur Leone Sciberras, il-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru tal-Inklużjoni Soċjali, bil-għan li jiġi identifikat l-aħjar użu tal-fondi disponibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €100,000 (VAT inkluż). Il-Kunsill huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu ta' din l-iskema u li jiffinanzja 15% tal-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat li l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' din l-iskema hija nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2025 u talbet li tingħata deskrizzjoni dettaljata tal-proġett propost fl-iqsar żmien possibbli, sabiex issir is-sottomissjoni tal-applikazzjoni fiż-żmien stabbilit. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li x-xogħlijiet li għalihom ser jingħata finanzjament iridu jitlestew sat-28 ta' Mejju 2027.

**SPI/SCI/06/2025 Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

612.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li skont l-iskema SPI/SCI/06/2025 – Finanzjament Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, il-Kunsill jista' japplika għall-fondi sa massimu ta' €30,000 (VAT inkluż). Il-Kunsill huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu, jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu tal-fondi disponibbli taħt din l-iskema u li jiffinanzja 15% tal-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-applikazzjoni tiġi skwalifikata jekk il-minuti ma jirriflettux l-approvazzjoni tal-proġett li għalih il-Kunsill ikun qiegħed japplika u enfasizzat li l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' din l-iskema hija nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2025.

**612.7 Deċiżjoni dwar il-kuntratti;**

- **Tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ (ZLC3/2024R)**

612.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ġew sottomessi erba' offerti għas-servizz ta' Tisbieħ ta'Ġnien il-Mistrieħ (ZLC 3/2024R) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li tlett offerti biss kienu teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-offerta li kienet mingħand is-Sur Dennis Scicluna għall-prezz ta' €137,900.97 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

**612.8 Ħatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti**

- **Restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-faċċata taċ-Ċimiterju (ZLC1/2025)**

612.8.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni għar-Restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-faċċata taċ-Ċimiterju (ZLC1/2025) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Brian Farrugia u mill-Perit Edward Said. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li s-sejħa għall-offerti għadha ma ġietx ippubblikata peress li għadha qed tistenna l-*Bill Of Quantities* mingħand il-perit tal-Kunsill.

- **Servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi (ZLC2/2025)**

612.8.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni għas-Servizz ta' Żamma u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi (ZLC2/2025) u li dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Brian Farrugia u mill-Perit Rodney Micallef.

612.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet bagħtet komunikazzjoni lill-kuntrattur responsabbli mill-kuntratt għas-servizz ta' *Accountant Technician* (ZLC 2/2022) wara li ġew innutati żbalji serji u ripetuti fl-imputtjar tal-kontijiet fis-*Sage*. Dawn l-iżbalji ma kinux sempliċi żbalji ta' tipografija jew ommissjonijiet minuri, iżda kienu jinkludu fost oħrajn; dħul ta' tranżazzjonijiet fis-sena kontabbli żbaljata, allokazzjoni ħażina ta' spejjeż fuq in-naħa tal-*Credit* minflok in-naħa tad-*Debit*, u diskrepanzi fil-bilanċ tal-kontijiet bankarji. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kien ikollha tivverifika kull tranżazzjoni li ddaħħal l-*Accountant Technician* fis-*Sage*, peress li kienu qed isiru numru eċċessiv ta' żbalji. Enfasizzat li, minkejja li ħadet paċenzja kbira tgħin l-*Accountant Technician*, l-iżbalji baqgħu jirrepetu ruħhom. Għaldaqstant, u minħabba l-gravità tal-iżbalji, kien meħtieġ li tgħarraf lill-kuntrattur responsabbli. Fid-dawl ta' dan saret laqgħa mal-kuntrattur sabiex tiġi diskussa s-sitwazzjoni u jiġu ndirizzati d-diffikultajiet li kienu qed jinqalgħu. Matul din il-laqgħa, il-kuntrattur sostna li żbalji bħal dawn huma komuni, speċjalment meta l-persuna li twettaq ix-xogħol għandha kwalifiki ta' livell ta' *A levels*. Is-Sindku saħaq li din ma tistax tkun skuża għal servizz mhux sodisfaċenti, għax l-offerta kienet għall-provvista ta' servizz ta' *Accountant Technician*, li suppost jitwettaq b'mod preċiż u professjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-kuntrattur allega li l-Kunsill għandu kuntratt ma' *accountant* oħra li qed tirċievi ħlas għal xogħol li mhix qed twettaq, filwaqt li l-kumpanija tiegħu qed tagħmel dan ix-xogħol minflokha. Is-Segretarju Eżekuttiv ċaħdet din l-allegazzjoni, u ċċarat li l-Kunsill m' għandux kuntratti ma' *accountant* oħra u spjegat li l-Kunsill kien ħallas kull *invoice* li rċieva mingħand il-kuntrattur responsabbli mill-*Accountant Technician.* Barra minn hekk, il-kuntrattur kien ostili matul il-laqgħa u interrompa b'mod frekwenti, mingħajr ma ta l-opportunità biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li f'dan il-każ ġie nvolut id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 612.9 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

612.9.1 Inqrat ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura GRC594 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq ix-Xgħajra, fejn talab kumpens ta' €157.98 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Is-Sindku spjega li skont ir-ritratti li ntbgħatu flimkien mal-korrispondenza, l-allegat inċident seħħ fuq bokka tas-*shelter* sfrundat jew tappiera tad-dranaġġ li kienet mogħtija bit-tarmak. Għaldaqstant ir-responsabbilità hija jew ta' Infrastruttura Malta jew tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

612.9.2 Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti minħabba nuqqas ta' *quorum*.

612.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li bħalissa kien għaddej l-awditjar tal-Gvern, li qed jivverifikaw il-konformità tal-Kunsill mar-regolamenti finanzjarji.

612.9.4 Is-Sindku ppropona li jsir xogħol ta' tisbiħ tat-*toilets* li hemm fil-bini tal-Kunsill li fil-preżent jintużaw mill-impjegati nisa tal-amministrazzjoni, kif ukoll il-kċina sabiex toffri ambjent aħjar għall-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 612.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

612.10.1 Is-Sur Joseph Buttigieg irrimarka dwar il-ħtieġa urġenti ta' intervent fi Triq Hompesch, minħabba li sfronda l-wiċċ tat-triq fejn hemm il-bokka tas-*shelter*. Is-Sindku qal illi matul il-lejl kien hemm it-triq magħluqa u ra ħaddiema jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni f'din it-triq.

612.10.2 Is-Sur Joseph Buttigieg irrimarka li wara x-xogħol infrastrutturali mwettaq mill-Gvern Ċentrali fi Triq il-Kbira, qed jakkumula ilma quddiem residenza b'konsegwenza li jista' jikkawża ħsara fil-bieb ta' barra. Is-Sindku qal li quddiem din ir-residenza kellha ssir *u-bar*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li waqt laqgħa li kellha ma' uffiċjali ta' Transport Malta, flimkien mas-Sindku, ġew diskussi diversi applikazzjonijiet li ġew irrifjutati. Il-Kunsill ġie nfurmat li fejn il-bankina tat-triq ma tkunx wiesgħa biżżejjed sabiex persuna b'diżabilità jew ġenitur bil-minuri jkunu jistgħu jgħaddu mingħajr il-bżonn li jinżlu fit-triq, dawn l-applikazzjonijiet mhux ser jiġu aċċettati. Transport Malta enfasizzat li s-sigurtà tal-*pedestrians* hija l-ewwel prijorità, u li mhux permess li jittieħed riskju li jipperikola l-ħajja tal-*pedestrians* sempliċiment biex jipproteġu faċċati ta' bini minn ħsarat ikkawżati mill-ilma tax-xita jew inċidenti oħra. Is-Sindku żied jgħid li kien ser jiltaqa' ma' uffiċjali ta' Transport Malta biex jiddiskuti lista ta' każijiet li jeħtieġu li ssir *u-bar*, u li l-bankina attwali diġà mhix wiesgħa biżżejjed biex tkun aċċessibbli għal persuni li jużaw siġġu tar-roti. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fi Triq il-Kunvent diġà seħħew żewġ inċidenti tat-traffiku li wasslu biex il-vetturi daħlu f'faċċata ta' residenza.

612.10.3 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jiġi rranġat id-dawl ta' Triq il-Ġiżimina u Triq iċ-Ċikas minħabba li filgħaxija kien qed ikun hemm dlam ċappa. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur kien infurmat biex jirranġa din il-ħsara.

612.10.4 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jsiru tabelli ta' *slow* fi Triq Hompesch minħabba li l-vetturi kienu qed jgħaddu b'veloċita qawwija minn din it-Triq. Is-Sindku ssuġġerixxa li jitwaħħlu tabelli li jindikaw kemm huwa l-*ispeed limit* f'din it-triq.

612.10.5 Is-Sinjura Anna Calleja għamlet talba biex tinbidel it-tabella li tindika li ġejja *roundabout* fi Triq Salvu Astarita għal Triq il-Marloċċ, peress li din ċċarat. Is-Sindku semma l-ħtieġa li din ir-*roundabout* tinżebagħ.

612.10.6 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta kienet ser tingħalaq għat-traffiku Triq Santa Duminka. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li ftit tal-ġranet ilu ntbgħatet korrispondenza lil Infrastruttura Malta dwar dwar ix-xogħol li kellu jsir. Is-Sindku qal illi l-Kunsill diġa bdew jinġiebu l-istimi dwar ix-xogħlijiet relatati mal-grada li għandha ssir fid-dħul u l-ħruġ tal-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka. Is-Sur Carlo Scicluna enfasizza l-importanza li tiġi indirizzata l-problema tal-influss tat-traffiku devjat li llum jgħaddi kollu lejn Triq Santa Duminka, u dan wara l-approvazzjoni li t-traffiku minn Triq Bieb is-Sultan jgħaddi għal din it-triq. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fil-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka, ir-residenti lanqas jistgħu jiftħu l-bieb ta' barra għax il-vetturi jgħaddu b'veloċita qawwija mit-triq. Is-Sur Carlo Scicluna sostna li għandu jitneħħa t-traffiku minn ġewwa l-bini. Is-Sur Carlo Scicluna kompla jispjega li sid l-ewwel garaxx li hemm fi Triq Santa Duminka ma jistax joħroġ il-vettura tiegħu minħabba l-ammont ta' vetturi li jgħaddu minn din it-triq, li jfisser li hemm bżonn soluzzjoni effettiva. Is-Sindku qal li t-traffiku minn dejjem kien jgħaddi minn Triq Santa Duminka u mhux minn mindu sar it-*traffic management;* u jekk tingħalaq il-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka kien ser jonqos il-fluss tat-traffiku. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa lis-Sur Carlo Scicluna jekk għandux soluzzjoni biex jonqos it-traffiku f'din iż-żona. Is-Sindku, minn naħa tiegħu qal li diversi toroq oħra għandhom jiġu indirizzati biex jinbidlu f'żoni pedonali, sabiex l-infrastruttura titjieb skont il-ħtiġijiet tal-komunità u spjega li f'din iż-żona, it-traffiku żdied riżultat tal-espansjoni tal-bini, u li f'dan il-kuntest, it-traffiku minn ġewwa l-bini għandu jitneħħa, sabiex titjieb is-sigurtà u l-aċċessibilità. Is-Sur Carlo Scicluna wieġeb li l-komunità fiż-żona hija urtata ħafna minħabba din il-problema u qal li hemm il-ħsieb li jissottomettu petizzjoni formali. Il-Kaptan Patrick Barbara ssuġġerixxa li jekk hemm ħafna tgergir dwar din il-materja, il-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi Christ Bonnet, sabiex jinstabu soluzzjonijiet aktar effettivi. Is-Sur Carlo Scicluna talab li titneħħa t-tabella tan-*no right turn* li hemm fi Triq Bieb is-Sultan. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li din it-talba diġa ġiet imressqa lil Transport Malta u l-Kunsill ġie nfurmat li dan mhux possibbli minħabba li t-tabella tagħmel parti minn pjan ta' ġestjoni tat-traffiku akbar f'dik iż-żona, u għalhekk ma tistax titneħħa.

612.10.7 Is-Sur Carlo Scicluna talab li ssir tabella ta' *stop* fi Triq iż-Żabrella ma' Triq il-Baħrija. Is-Sindku qal illi diġa hemm *stop sign* u wisq probabbli hemm bżonn *refresh* taż-żebgħa.

612.10.8 Il-Kaptan Patrick Barbara semma li t-tappiera fi Triq Ħaż-Żabbar kienet għadha qed tħabbat u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex xi risposta dwar dan l-ilment mill-entità responsabbli. Is-Sindku wieġeb li kien ser jikkuntattja Infrastruttura Malta sabiex jiddiskuti dan il-każ.

612.10.9 Il-Kaptan Patrick Barbara qal li l-*barriers* li tpoġġew fuq il-bankina fi Triq iċ-Ċulqana baqgħu ma tneħħewx. Il-Kaptan Barbara staqsa lis-Sindku jekk għandux xi żvilupp dwar dan il-każ. Is-Sindku spjega li dwar il-kwistjoni tal-*Y plates* kien tkellem ma' Transport Malta u żied jgħid li kien ser jerġa' ikellem lill-pulizija dwar dan il-każ partikolari.

612.10.10 Is-Sur Joseph Agius qal li fl-20 ta' Marzu kien ser jorganizza attività tal-anzjani u talab li l-Kunsill iħallas it-trasport u l-ikel ta' din l-attività. Is-Sindku żied jgħid li l-flus tal-biljetti u l-flus tat-tombla ser jidħlu fil-kotba bankarji tal-Kunsill.

612.10.11 Is-Sur Joseph Agius ressaq talba li kien irċieva mingħand resident sabiex titwaħħal mera fi Trejqet Wied ta' Mazza fil-viċinanzi tal-mastrudaxxa. Is-Sindku qal illi l-mera kienet ġiet ordnata u waslet.

612.10.12 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-komunikazzjoni li l-Kunsill irċieva riċentament dwar żvilupp ta' Dar tal-Anzjani. Is-Sindku qal illi li din il-materja għandha tiġi diskussa f'laqgħa oħra u titniżżel fl-agenda.

612.10.13 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien għaddej f' komunikazzjoni mad-Dipartiment għall-Persuni b'Diżabilità dwar il-ħsieb li tiġi organizzata attività ddedikata għall-persuni b'diżabilità. Is-Sur Joseph Buttigieg saħaq li din il-materja għandha tiġi diskussa meta jkun preżenti s-Sur Leone Sciberras, li huwa l-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru tal-Inklużjoni Soċjali. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa lis-Sindku jekk kienx marbut biż-żmien biex tiġi organizzata din l-attività u ċċara li huwa mhux kontra l-organizzazzjoni tagħha. Is-Sindku spjega li f'dan l-istadju huwa kien qed jitlob biss l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi approvata l-attività, u li eventwalment kien ser jiddiskuti d-dettalji tagħha mas-Sur Sciberras. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk is-Sur Sciberras kienx infurmat b'din l-attivita'. Is-Sindku spjega li s-Sur Sciberras kien diġà wera x-xewqa li jorganizza attività ta' din ix-xorta. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attività għal persuni b'diżabilità.

**612.11 Mozzjonijiet**

612.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**612.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

612.12.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 21 t' April, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

612.12.2 Il-laqgħa spiċċat fid-8.57 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-613 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 21 ta' April, 2025.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku